MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1787/2002

**DFK Malta Limited u b'digriet tal-14 ta' Awissu, 2002, isem l-attur ghandu jinqara "Charles Farrugia u Emanuel Farrugia proprio u f'isem id-ditta DFK Malta"**

**vs**

**Associated News Group Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u disgha u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm879.75) dovuta bhala drittijiet professjonali ta' accountancy prestati lill-konvenuti fl-interess u fuq inkarigu taghhom;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fil-21 ta' Awissu, 2002, fejn gie eccepit:**
**i. Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-Artikolu 2149(c ) tal-Kodici Civili;**
**ii. In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt illi s-socjeta` konvenuta hallset is-somma ta' sitt mitt lira u ghal dal-pagament m'inghatat l-ebda servizz;**
**iii. In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-fatt illi s-socjeta` attrici naqset li tipprepara audit kif kienet obbligat ruhha li taghmel;**
**iv. In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-fatt illi x-xoghol li ghamlet is-socjeta` attrici kien karenti fil-kwalita` u ma kienx skond l-istandards mistennija, u fil-fatt kif ser jigi ppruvat fil-kawza kellha titqabbad ditta ta' awdituri ohra;**
**Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.**

**Illi fit-13 ta' Awissu, 2002, l-atturi talbu korrezzjoni fis-sens li l-kelma "Limited" wara DFK Malta tigi kancellata, u qabel il-kliem "DFK Malta" jigu mizjuda l-kliem "Charles Farrugia u Emanuel Farrugia proprio u f'isem id-ditta." It-Tribunal laqgha din it-talba u ordna l-korrezzjoni.**

**Illi l-avviz kif korrett gie notifikat lils-socjeta` konvenuta fit-22 ta' Ottubru, 2002.**

**Illi fid-19 ta' Novembru, 2002, is-socjeta` konvenuta tablet il-kjamata in kawza tas-socjeta` DFK Malta Ltd. It-Tribunal b'digriet tal-istess data cahad it-talba.**

**Semgha x-xhieda ta' Charles Farrugia, Godfrey Grima, Lawrence Pace. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri jittrattaw il-kaz. Ra n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mis-socjeta` konvenuta.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda hlas ta' drittijiet professjonali allegatament dovuti mis-socjeta` konvenuta.**

**2. L-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta hija li l-ammont mitlub huwa preskritt a tenur tal-Artikolu 2149(c ) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` l-preskrizzjoni bid-dekors ta' sentejn.**

**3. Il-hlas mitlub mill-atturi jirrigwarda s-servizz li inghata dwar l-accounts ghas-sena li ntemmet f'Dicembru, 2000, u xi xoghol addizjonali kif ukoll xoghol relatat sabiex ghaddew ix-xoghol lid-ditta Ernest Young, meta s-socjeta` konvenuta tterminatilhom il-ftehim. L-ammonti mitluba jirrizultaw mid-Dok.A sa Dok.D esebiti, mahrugin bejn Mejju 2001 u Awissu, 2001. Din il-kawza giet intavolata fit-23 ta' Lulju, 2002, pero` in vista tal-korrezzjoni li saret, fil-fatt trid titqies daqs li kieku giet prezentata fit-13 ta' Awissu, 2002. Ghalhekk is-sentejn ma kienux ghadhom ghaddew u ma hemmx lok li tigi milqugha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata.**

**4. L-attur kien ghamel l-accounts ghas-socjeta` konvenuta u dawn finalment kienu gew iffirmati minn Godfrey Grima ghas-socjeta` konvenuta, mela f'dan is-sens kien hemm l-accettazzjoni tas-socjeta` konvenuta ghax-xoghol li sar.**

**5. Ix-xoghol li kien inkarigat jaghmel il-konvenut sar. Pero` it-Tribunal jinnota li kien hemm diversi ilmenti da parti tas-socjeta` konvenuta ghax-xoghol li sar u dan gie notifikat lill-atturi permezz ta' ittri Dok.GG1 sa Dok.GG4.**

**6. Hekk fl-ittra tat-3 ta' Dicembru, 2000, Dok.GG1, il-konvenut baghat jinforma lill-atturi: "……I am not at all happy with the service your company is providing us." Hekk ukoll fit-22 ta' Frar, 2001, Dok.GG2, Godfrey Grima ghas-socjeta` konvenuta baghat jghid lill-atturi: "…..it really makes no sense for us to be given financial statements more than two months in arrears."**

**7. Ghalkemm ghandu jinghad ukoll mil-lat l-iehor, kif jirrizulta mill-ittra Dok.GG3 esebita, illi anke l-konvenut kellu n-nuqqasijiet tieghu: "…..You are of course right to point out the many shortcomings from our side."**

**8. Ma hemmx dubbju li l-atturi pprestaw is-servizzi taghhom lis-socjeta` konvenuta u ghamlitilhom l-accounts.**

**9. Jirrizulta li kien hemm problema mal-HSBC Bank li kien jaghti facilitajiet lis-socjeta` konvenuta. Kif xehed Lawrence Pace Commercial Relationships Manager HSBC Bank, kien hemm problema dwar l-akkuratezza tal-Management accounts. Apparti minn dan fi Frar, 2001 kienu qed jiddiskutu il-Management accounts ta' Dicembru, 2000 u Jannar, 2001. Ir-rapprezentant tal-Bank kien kellem lill-atturi u dawn spjegaw li kien hemm audit adjustments, pero` ma kienx hemm spjegazzjoni dwar diskrepanzi ohra li nstabu fil-profit and loss account ta' Jannar, 2000. Apparti minn dan l-audited accounts ma kienux iffirmati mill-atturi.**

**10. Skond Charles Farrugia, l-attur, l-audited accounts ma gewx iffirmati peress illi ma sarx il-pagament mis-socjeta` konvenuta. Minhabba f'hekk is-socjeta` konvenuta ma kienetx f'posizzjoni li ddahhal l-annual return taghha mal-MFSC. Tant hu hekk illi skond ittra tat-8 t'Awissu, 2001, l-atturi nfurmaw lis-socjeta` konvenuta illi l-accounts mhux ser jigu rilaxxati jekk ma jsirx hlas. Minn dan l-aspett it-Tribunal jaghti ragun lis-socjeta` attrici, li kienet rinfaccata bi stat li ser tikkorri spejjez, apparti ix-xoghol li ghamlet, u setghet ma tithallasx tieghu, kif fil-fatt gara. Tant hu hekk illi s-socjeta` konvenuta qabbdet ditta ohra ta' accountants.**

**11. Gjaladarba ghazlu l-atturi li ma jiffirmawhomx, u sa certu punt kienu gustifikati jaghmlu dan, it-Tribunal qed iqies li l-inkarigu moghti lill-atturi qatt ma gie konkluz, u s-socjeta` konvenuta ma setghetx taghmel uzu shih minnhom. Tant hu hekk li qabbdet ditta ohra ta' accountants dwar l-istess xoghol. Ghalkemm l-attur jinsisti li l-accounts kif kienu xorta setghu jintuzaw mill-Bank, jirrizulta xort'ohra mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank.**

**12. Ghalhekk tenut kont li l-atturi ma kkonkludewx l-inkarigu kollu, u tenut kont ukoll tal-fatt illi sa certu punt kien hemm gustifikazzjoni ghal dan, pero` kien hemm ukoll tortijiet imputabblli lill-istess atturi, illum**

**l-atturi ma jistghux jipprtendu l-hlas shih ghall-xoghol li ma giex konkluz, u li konsegwentement ma setghax jintuza.**
**13. Ghalhekk fic-cirkostanzi, arbitrio boni viri, sabiex jigu kumpensati ta' dak ix-xoghol li sar, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata dwar li l-azzjoni li preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili, fil-meritu ghar-ragunijiet fuq imsemmija qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00) bl-imghax dekorribbli mill-lum.**

Tenut kont tal-fatt illi din il-kawza damet minhabba n-nuqqas tal-konvenut biex jidher, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------